MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1805/1996/1

**George Seychell u Josephine Seychell mizzewgin flimkien.**

**-vs-**

**Anthony Mario Vella u Carmen Vella mizzewgin flimkien.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta’ Mejju, 1996 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-konvenut accetta kambjala fl-import ta’ erbgha u tletin elf lira Maltin (Lm 34,000), liema kambjala skadiet fl-1 ta’ Gunju 1991 u liema ammont ghadu ma thallasx; illi permezz ta’

skrittura privata datata 23 ta’ Jannar 1991 (Dok “B”), il-konvenut accetta li kellu jaghti lill-attur is-somma ta’ erbgha u tletin elf lira u in effett irrilaxxa a favur ta’ l-attur din il-kambjala;

Illi l-kontendenti kienu dahlu f’diversi skritturi bejniethom (kopji esebiti Dok “C” – “D”);

Illi l-konvenut ghamel diversi pagamenti akkont u ghalhekk tehtieg illi jigu likwidati l-kontijiet ta’ bejniethom;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi;

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi din is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, bl-imghax u bir-rizerva ta’ kull azzjoni fil-ligi.

Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti naqsu li jippresentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet u ghalhekk huma kontumacji skond il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Marzu, 2006 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher car l-atturi qed jitolbu likwidazzjoni u hlas tas-somma dovuta mill-konvenuti in segwitu ghal diversi negozji guridici li saru bejn il-partijiet.

L-atturi qed jibbazaw it-talba taghhom fuq kambjala li giet iffirmata mill-konvenuti favur taghhom fl-1991 u zewg skritturi ffirmati wara (Dok. C u D). Sfortunatament ma saret ebda prova tal-hlasijiet li *ex admissis* saru mill-konvenuti. Meta qabel il-kawza l-atturi ppresentaw ittra ufficjali fejn talbu minghandhom is-somma ta' hamsin elf Lira Maltin (Lm50,000) il-konvenuti rrispondew li ghandhom jaghtu dsatax-il elf Lira Maltin (Lm19,000). L-attur iddikjara illi f'dan l-istadju jikkontenta b'din is-somma; fi kliemu; "*Jien lest naccettahom flimkien ma' l-imghaxijiet fuqhom minn meta suppost kellu jhallasni.*"

Il-Qorti ghalhekk ghandha quddiemha ammissjoni ghal din is-somma (datata 22 ta' Settembru, 1994 – a fol 32) izda ma ghandha ebda prova ohra ta' kemm hija s-somma dovuta lill-atturi ladarba huma stess ammettew li saru xi hlasijiet, izda ma ndikawx ezatt kemm kienu dawn il-hlasijiet.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' dsatax-il elf Lira Maltin (Lm19,000) bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Settembru, 1994.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------